A.L. 240 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ikel Iffriżat Malajr

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ikel Iffriżat Malajr, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Iffriżat Malajr, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 286 ta' l-2002.

Bidu fis-seħħ.

2. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007, iżda prodotti li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti iżda li jikkonformaw mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Ikel Iffriżat Malajr, jistgħu jibqgħu jinbiegħu sal-31 ta' Diċembru, 2007.

Skop.

3. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/107/KE ta' l-20 ta' Novembru, 2006.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok is-subregolament (3) tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(3) (a) Meta xi ikel jiġi manufatturat barra minn Malta, deskrizzjoni oħra li hi ekwivalenti għall-kliem "iffriżat malajr" għandha tintuża biss għal ikel li jkun manufatturat bl-istess mod kif provdut fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti.

(b) Il-lista li hemm provdut dwarha fi Skeda 3 tispeċifika l-ismijiet li bihom jinbiegħ ikel iffriżat malajr f'kull lingwa tal-Komunità Ewropea:

Iżda ebda ikel bħal dak ma jista' jiġi offrut għall-bejgħ f'Malta bħala ikel iffriżat malajr jekk kemm-il darba fuq it-tikketta ma

jkunx hemm miktub il-kliem "iffriżat malajr", "quick-frozen" jew "surgelato":

Iżda wkoll din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal ikel li mhux offrut għall-bejgħ f'Malta bħala ikel iffriżat malajr."

Iżid Skeda 3 mar-regolamenti prinċipali.

4. Dan li ġej għandu jiżdied bħala Skeda 3 minnufih wara Skeda 2 li tinsab mar-regolamanti prinċipali:-

“Skeda 3

Ismijiet li bihom jinbiegħ ikel iffriżat malajr, f’kull lingwa tal-Komunita Ewropea:

— bid-Daniż: ‘dybfrossen’,
— bil-Ġermaniż: ‘tiefgefroren’ jew ‘Tiefkühlkost’ jew ‘tiefgekühlt’ jew ‘gefrostet’,
— bl-Ispanjol: ‘ultracongelado’ jew ‘congelado rápidamente’,
— bil-Grieg: ‘*βαθείας κατάψυξης*’ jew ‘*ταχείας κατάψυξης*’ jew ‘*υπερ-κατεψυγμένα*’,
— bl-Ingliż: ‘quick-frozen’,
— bil-Franciż: ‘surgelé’,
— bit-Taljan: ‘surgelato’,
— bl-Olandiż: ‘diepvries’,
— bil-Potugiż: ‘ultracongelado’,
— bil-Finlandiż: ‘pakastettu’,
— bl-Isvediż: ‘djupfryst’,
— biċ-Ċek: ‘hluboce zmrazené nebo hluboce zmrazená nebo hluboce zmrazený’,
— bl-Estonjan: ‘sügavkülmutatud or külmutatud’,
— bil-Latvjan: ‘ātri sasaldēts’,
— bil-Litwan: ‘greitai užšaldyti’,
— bl-Ungeriż: ‘gyorsfagyasztott’,
— bil-Malti: ‘iffriżat’,
— bil-Pollakk: ‘produkt głęboko mrożony’,
— bis-Sloven: ‘hitro zamrznjen’,
— bis-Slovakk: ‘hlbokozmrazené’;
— bil-Bulgaru: бързо замразена,
— bir-Rumen : congelare rapidă.’. ’’ .